# RAKKOMANDAZZJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

## tal-15 ta' Diċembru 2015

## dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom

## (BERS/2015/2)

(2016/C 97/02)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali fl-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 u l-Artikoli 16 sa 18 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 458 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE ([3]), u b'mod partikolari t-Taqsima II tal-Kapitolu 4 tat-Titolu VII tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([4]), u b'mod partikolari l-Artikoli 15(3)(e) u l-Artikoli 18 sa 20 tagħha,

Billi:

(1) Fl-Unjoni, is-sistema finanzjarja hija integrata sew. Dan ifisser li entitajiet barranin spiss jipprovdu servizzi finanzjarji transkonfinali. Fis-suq uniku, il-fornituri ta' servizzi finanzjarji fi Stat Membru partikolari jistgħu jagħżlu bejn li jiprpovdu servizzi finanzjarji permezz ta' sussidjarji jew fergħi stabbiliti fi Stat Membru ieħor, jew inkella li jipprovdu servizzi finanzjarji transkonfinali direttament. Din is-sitwazzjoni tista' twassal għal politika makroprudenzjali nazzjonali li jkollha effetti transkonfinali sostanzjali.

(2) Fornituri barranin ta' servizzi finanzjarji li jipprovdu servizzi finanzjarji transkonfinali, jew direttament jew permezz tal-fergħi tagħhom fi Stati Membri oħrajn, normalment ma jkunux affettwati mill-miżuri ta' politika makroprudenzjali li japplikaw għal fornituri ta' servizzi finanzjarji nazzjonali f'dawk l-Istati Membri. Bħala riżultat ta' dan, fornituri ta' servizzi finanzjarji li kieku jaqgħu taħt l-ambitu ta' dawk ir-rekwiżiti, jiġifieri għaliex għandhom kumpannija sussidjarja lokali, għandhom inċentiv li jgħaddu l-attivitajiet minn kanali alternattivi sabiex iduru mal-miżuri tal-pajjiż ospitanti. It-tnixxija u l-arbitraġġ regolatorju li jirriżultaw minn dak l-aġir jistgħu jimminaw l-effettività ta' miżuri nazzjonali ta' politika makroprudenzjali.

(3) Barra minn hekk, jista' jkun hemm distorsjoni fil-kompetizzjoni jekk il-fergħi ta' fornituri barranin ta' servizzi finanzjarji li jipprovdu servizzi finanzjarji transkonfinali jużaw direttament il-vantaġġ kompetittiv tagħhom, bħal rekwiżiti kapitali aktar baxxi għal skoperturi ġġenerati fl-Istat Membru attivanti, kontra fornituri domestiċi ta' servizzi finanzjarji u sussidjarji ta' fornituri barranin ta' servizzi finanzjarji f'dak l-Istat Membru, sabiex iżidu s-sehem tagħhom fis-suq.

(4) Miżuri ta' politika makroprudenzjali meħuda f'pajjiż wieħed ikollhom effetti esterni fuq l-istabbiltà finanzjarja f'pajjiżi oħrajn permezz ta' rabtiet transkonfinali. B'mod ġenerali, dawn l-effetti jkunu pożittivi, peress li l-politika makroprudenzjali tnaqqas ir-riskju sistemiku u l-probabbiltà u l-impatt ta' kriżijiet sistemiċi, sabiex b'hekk titjieb ukoll l-istabbiltà finanzjarja fi Stati Membri oħrajn. Madankollu, dawk l-effetti jistgħu jkunu wkoll negattivi. Pereżempju, minkejja li jkunu esposti għall-istess riskji bħal fornituri domestiċi ta' servizzi finanzjarji u sussidjarji ta' fornituri barranin ta' servizzi finanzjarji, fergħi ta' fornituri barranin ta' servizzi finanzjarji u fornituri barranin ta' servizzi finanzjarji li jipprovdu servizzi finanzjarji transkonfinali direttament normalment ma jkunux meħtieġa li jibnu reżiljenza kontra dawn ir-riskji, pereżempju billi jkunu soġġetti għal miżuri kapitali nazzjonali

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.
([2]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.
([3]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338.
([4]) ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.

fl-Istat Membru domestiku tagħhom. Barra minn hekk, safejn dawn il-fornituri ta' servizzi finanzjarji jgawdu vantaġġ kompetittiv fuq fornituri domestiċi ta' servizzi finanzjarji u s-sussidjarji ta' fornituri barranin ta' servizzi finanzjarji, dan jista' jħeġġiġhom biex iżidu l-iskopertura tagħhom għar-riskji makroprudenzjali relevanti fl-Istat Membru attivanti, biex b'hekk jesponu l-Istat Membru ospitanti għal riskju akbar. Kieku dawn ir-riskji makroprudenzjali relatati mal-forniment ta' servizzi finanzjarji kellhom jimmaterjalizzaw, ir-riżervi tal-kapital ta' dawn il-fornituri ta' servizzi finanzjarji jistgħu jirriżultaw li huma insuffiċjenti, li jkollu konsegwenzi negattivi għas-sistemi finanzjarji domestiċi tagħhom.

(5) Kontra dan l-isfond u sabiex jiġu żgurati l-effettività u l-konsistenza tal-politika makroprudenzjali, dawk li jfasslu l-politika makroprudenzjali għandhom jagħtu l-kunsiderazzjoni meħtieġa lil dawk l-effetti transkonfinali u, meta jkun iġġustifikat, japplikaw strumenti ta' politika adattati sabiex jindirizzawhom. Sabiex jinkiseb dan il-għan, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) jirrakkomanda approċċ li jkun ibbażat fuq żewġ pilastri ewlenin, jiġifieri: (a) il-valutazzjoni sistematika tal-effetti transkonfinali tal-politika makroprudenzjali; u (b) risposta ta' politika kkoordinata fil-forma ta' reċiproċità volontarja għal miżuri tal-politika makroprudenzjali meta din tkun meħtieġa. Huwa importanti wkoll li dawn il-pilastri jkunu implimentati kemm jista' jkun b'mod konsistenti madwar l-Unjoni kollha.

(6) Sallum, il-valutazzjoni sistematika tal-effetti transkonfinali tal-politika makroprudenzjali ma rċevietx l-attenzjoni li jisthoqilha. Dan huwa dovut parzjalment għall-fatt li l-għarfien relatat ma' kanali ta' effetti kollaterali (potenzjali) għadu limitat u d-dejta disponibbli ma ġietx eżaminata bis-sħiħ bil-għan li jiġu analizzati l-effetti transkonfinali. B'riżultat ta' dan, il-BERS jidhirlu li huwa importanti li kull dejta disponibbli tintuża b'mod sistematiku sabiex ikunu jistgħu jinftiehmu u jiġu vvalutati aħjar l-effetti transkonfinali.

(7) Huwa importanti li tiġi stabbilita proċedura li tkun immirata lejn il-valutazzjoni sistematika tal-effetti transkonfinali tal-politika makroprudenzjali u timmira li tiżgura li dawk li jfasslu l-politika makroprudenzjali jagħmlu valutazzjoni *ex ante* ta' kwalunkwe effetti transkonfinali potenzjali tal-miżuri proposti tagħhom. Barra minnn hekk, u meta jitqiesu r-rekwiżiti eżistenti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], id-Direttiva 2013/36/UE u r-Rakkomandazzjoni BERS/2013/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku [2], dawk li jfasslu l-politika makroprudenzjali għandhom jagħmlu valutazzjonijiet *ex post* tal-effetti transkonfinali attwali tal-politiki tagħhom. Il-ħidma analitika mwettqa mill-Istati Membri ser tikkumplimenta l-ħidma analitika mwettqa mill-BERS.

(8) Ir-risposta politika kkoordinata proposta mill-BERS tieħu l-forma ta' arranġament għar-reċiproċità volontarja għal miżuri tal-politika makroprudenzjali. In-natura volontarja tal-arranġament, li tirriżulta min-natura tar-rakkomandazzjonijiet tal-BERS [3], tiddistingwi dik ir-reċiproċità volontarja mir-rikonoxximent obbligatorju ta' ċerti miżuri tal-politika makroprudenzjali taħt il-liġi tal-Unjoni. Din ir-Rakkomandazzjoni, bl-eċċezzjoni tar-rakkomandazzjoni A dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali u r-rakkomandazzjoni B dwar in-notifika ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali, mhijiex maħsuba li tapplika għal miżuri tal-poltika makroprudenzjali li għalihom il-liġi tal-Unjoni diġà tipprovdi għal rikonoxximent obbligatorju. Rikonoxximent obbligatorju bħalissa huwa pprovdut fir-rigward tal-miżuri meħuda skont l-Artikoli 124(5) u 164(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u għar-riżerva tal-kapital kontroċikliku (countercyclical capital buffer - CCB) jekk dan jiġi ffissat taħt il-limitu massimu għar-rikonoxximent obbligatorju. L-istess eċċezzjoni tapplika għal rati tas-CCB li jkunu 'l fuq mil-limitu massimu għar-rikonoxximent obbligatorju, peress li r-Rakkomandazzjoni BERS/2014/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku [4] diġà tirrakkomanda r-reċiprokazzjoni sħiħa tar-rati tas-CCB bejn l-Istati Membri.

(9) Sabiex tiġi żgurata l-effettività u l-konsistenza ta' miżuri ta' politika makroprudenzjali nazzjonali, huwa importanti li r-rikonoxximent obbligatorju meħtieġ taħt il-liġi tal-Unjoni jkun ikkumplimentat b'reċiproċità volontarja, sabiex b'hekk il-friegħi ta' fornituri barranin ta' servizzi finanzjarji u fornituri barranin ta' servizzi finanzjarji li jipprovdu servizzi finanzjarji direttament jinġiebu fi ħdan l-ambitu ta' miżuri miżuri ta' politika makroprudenzjali nazzjonali. L-objettiv aħħari huwa li l-istess ġabra ta' rekwiżiti makroprudenzjali tapplika għall-istess tip ta' skopertura għar-riskju fi Stat Membru partikolari, irrispettivament mill-istatus legali u fejn ikun stabbilit il-fornitur tas-servizz finanzjarju. B'hekk miżuri ta' politika makroprudenzjali bbażati fuq l-iskopertura, b'mod partikolari dawk li l-mira tagħhom hija skopertura għal riskju speċifiku, għandhom ikunu reċiprokati.

[1] Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

[2] Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-4 ta' April 2013 dwar objettivi intermedji u strumenti tal-politika makroprudenzjali (BERS/2013/1) (ĠU C 170, 15.6.2013, p. 1).

[3] Għalkemm ir-rakkomandazzjonijiet tal-BERS mhumiex legalment vinkolanti, huma akkoppjati b'mekkaniżmu ta' "aġixxi jew spjega".

[4] Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tat-18 ta' Ġunju 2014 dwar gwida għall-iffissar tar-rati tar-riżerva kontroċiklika (BERS/2014/1) (ĠU C 293, 2.9.2014, p. 1).

(10) Din ir-Rakkomandazzjoni tipprovdi gwida lill-awtoritajiet relevanti fir-rigward tal-adozzjoni ta' miżuri reċiprokanti b'risposta għal miżuri tal-politika makroprudenzjali ta' awtoritajiet relevanti oħrajn. Il-miżuri elenkati tal-politika makroprudenzjali attivati fi Stat Membru wieħed għandhom ikunu rreċiprokati fl-Istati Membri l-oħrajn kollha. Il-miżuri tal-politika makroprudenzjali ser jiġu elenkati f'din ir-Rakkomandazzjoni jekk l-awtorità relevanti attivanti titlob reċiprokazzjoni u jekk il-BERS iqis li t-talba għal reċiprokazzjoni hija ġġustifikata. Sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-arranġament ta' reċiproċità volontarja huwa importanti li l-BERS jiġi nnotifikat dwar dawk il-miżuri b'mod tempestiv u f'dettall suffiċjenti, bl-użu ta' mudell standardizzat.

(11) Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-arranġament ta' reċiproċità volontarja, l-awtoritajiet relevanti jkunu mistennija li jadottaw miżuri reċiprokanti fi żmien raġonevoli. Żminijiet itwal huma rrakkomandati għal miżuri li mhumiex disponibbli fil-ġurisdizzjonijiet kollha.

(12) Din ir-Rakkomandazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri ta' politika makroprudenzjali kollha, irrispettivament minn liema parti tas-sistema finanzjarja jindirizzaw. Fuq il-bażi tal-mandat tas-SEBĊ fir-Regolament (UE) Nru 1092/2010, l-ambitu ta' din ir-Rakkomandazzjoni jmur lil hinn mill-applikazzjoni tal-istrumenti makroprudenzjali pprovduti fid-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013. B'hekk, din ir-Rakkomandazzjoni hija maħsuba biex tkopri wkoll miżuri li ma ġewx armonizzati taħt il-liġi tal-Unjoni. L-ambitu ta' din ir-Rakkomandazzjoni huwa soġġetti għall-ġurisdizzjoni rispettiva tal-awtoritajiet relevanti u tapplika għal miżuri ta' politika makroprudenzjali li l-awtoritajiet relevanti għandhom il-mandat li jadottat jew jattivaw.

(13) Awtoritajiet nazzjonali kompetenti, awtoritajiet innominati kif ukoll awtoritajiet makroprudenzjali u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) [għal Stati Membri li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU)] jitqiesu bħala awtoritajiet relevanti, b'mod partikolari jekk ikollhom il-mandat biex jadottaw jew jattivaw miżuri ta' politika makroprudenzjali. Barra minn hekk, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 ([1]) u r-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew ([2]) jassenjaw kokmpiti superviżorji speċifiċi lill-BĊE. Il-BĊE jista' japplika rekwiżiti ogħla għal riżervi ta' kapital jew miżuri aktar strinġenti minn dawk applikati mill-awtoritajiet nazzjonali nnominati. Għal dan l-iskop esklużiv, il-BĊE huwa meqjus, kif xieraq, bħala l-awtorità kompetenti jew innominata u għandu s-setgħat u l-obbligi kollha, li l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet innominati għandhom taħt il-liġi tal-Unjoni relevanti.

(14) Miżuri ġodda tal-politika makroprudenzjali meħuda mill-Istati Membri li jipparteċipaw fil-MSU għandhom jgħaddu mill-proċeduri ta' koordinazzjoni tal-MSU relevanti. L-arranġament ta' reċiproċità, kif iddefinit f'din ir-Rakkomandazzjoni, huwa mingħajr preġudizzju għal dawk il-proċeduri ta' koordinazzjoni interni tal-MSU, u l-valutazzjoni ta' reċiproċità tal-BERS tibda biss ladarba jkunu ġew konklużi l-proċeduri ta' koordinazzjoni interni tal-MSU.

(15) L-awtoritajiet jistgħu jeżentaw lil fornituri ta' servizzi finanzjarji bi skopertura mhux materjali għar-riskju makroprudenzjali identifikat fil-pajjiż attivanti (prinċipju *de minimis*). Din hija diskrezzjoni nazzjonali li l-awtoritajiet jistgħu jagħżlu li ma japplikawx jekk ir-reċiproċità titqies bħala kwistjoni ta' prinċipju.

(16) Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-kontabbiltà ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali, kif ukoll l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, l-awtoritajiet relevanti għandhom jistabbilixxu strateġija ta' komunikazzjoni li tirrigwarda talbiet ta' reċiprokazzjoni u kwalunkwe miżura reċiprokanti, bħala parti mill-istrateġija ta' komunikazzjoni ġenerali tagħhom li tirrigwarda miżuri tal-politika makroprudenzjali. Fir-rigward ta' talbiet għal reċiprokazzjoni, huwa ta' importanza paritkolari li l-awtoritajiet kollha kkonċernati jiġu pprovduti bi kwalunkwe informazzjoni li tkun relevanti u neċessarja għall-proċessi rispettivi tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet b'mod tempestiv. Barra minn hekk, huwa ugwalment importanti li l-partijiet ikkonċernati (inklużi, iżda mhux biss, id-destinatarji diretti tal- miżuri ta' politika makroprudenzjali) ikunu infurmati bis-sħiħ dwar kwalunkwe miżura ta' politika makroprudenzjali li tkun relevanti għalihom b'mod tempestiv.

(17) Il-proċess irrakkomandat minn din ir-Rakkomandazzjoni u d-Deċiżjoni BERS/2015/4 ([3]) huwa ddisinjat biex ikun kemm jista' jkun effiċjenti u effettiv sabiex tinkiseb reċiprokazzjoni volontarja. Fil-kuntest tar-reviżjoni li ġejja tal-qafas tal-politika makroprudenzjali tal-Unjoni u b'mod konformi mal-emendi possiblbi għas-sett ta' għodda eżistenti, il-Kummissjoni Ewropew għandha, madankollu, tikkunsidra jekk u b'liema mod l-arranġament ta' reċiproċità volontarja kif stipulat f'din ir-Rakomandazzjoni tkun ankrata bl-aħjar mod fil-liġi tal-Unjoni sabiex titrawwem l-effettività tal-politiki makroprudenzjali nazzjonali. Idealment, il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għandha tkun ibbażata fuq l-arranġament ta' reċiproċità volontarja kif elaborat f'din ir-Rakkomandazzjoni u fil-Kapitolu 11 tal-Manwal tal-BERS dwar l-Operazzjonalizzazzjoni tal-Politika Makroprudenzjali fis-Settur Bankarju (iktar 'il quddiem "il-Manwal BERS") (ESRB Handbook on Operationalising Macroprudential Policy in the Banking Sector - ESRB Handbook) ([4]).

([1]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

([2]) Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u mal-awtoritajiet nazzjonali ddenominati (Regolament Qafas dwar l-MSU) (BĊE/2014/17) (ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1).

([3]) Il-verżjoni bl-Ingliż hija disponibbli fil-websajt tal-BERS fi www.esrb.europa.eu.

([4]) Ippubblikata fis-sit elettroniku tal-BERS li jinsab fuq www.esrb.europa.eu.

(18) Ir-rakkomandazzjonijiet tal-BERS huma ppubblikati wara li l-Kunsill ikun ġie informat bl-intenzjoni tal-Bord Ġenerali li jagħmel dan u wara li l-Kunsill ikun ingħata opportunità biex jirreaġixxi,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

TAQSIMA 1

**RAKKOMANDAZZJONIJIET**

**Rakkomandazzjoni A – Valutazzjoni tal-effetti transkonfinali tal-miżuri tal-politika makroprudenzjali tal-awtoritajiet relevanti stess**

1. L-awtoritajiet attivanti relevanti huma rrakkomandati li jivvalutaw, qabel l-adozzjoni tagħhom, l-effetti transkonfinali tal-implimentazzjoni tal-miżuri tal-politika makroprudenzjali tagħhom stess. Ta' mill-inqas, il-kanali ta' effetti kollaterali li joperaw permezz ta' aġġustament tar-riskju u arbitraġġ regolatorju għandhom jiġu vvalutati, bl-użu tal-metodoloġija stipulata fil-Kapitolu 11 tal-Manwal tal-BERS.

2. L-awtoritajiet attivanti relevanti huma rrakomandati li jivvalutaw:

   (a) l-effetti transkonfinali possibbli (tixrid u arbitraġġ regolatorju) tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika makroprudenzjali fil-ġurisdizzjoni tagħhom; u

   (b) effetti transkonfinali fuq Stati Membri oħrajn u fuq is-Suq Uniku ta' kwalunkwe miżura ta' politika makroprudenzjali.

3. L-awtoritajiet attivanti relevanti huma rrakkomandati li jimmonitorjaw ta' mill-inqas darba fis-sena l-immaterjalizzar u l-evoluzzjoni tal-effetti transkonfinali tal-miżuri makroprudenzjali li huma introduċew.

**Rakkomandazzjoni B – Notifika u talba għal reċiprokazzjoni fir-rigward tal- miżuri ta' politika makroprudenzjali tal-awtoritajiet relevanti stess**

1. L-awtoritajiet attivanti relevanti huma rrakomandati li jinnotifikaw lill-BERS dwar kwalunkwe miżura tal-politika makroprudenzjali malli jiġu adottati, u sa mhux aktar tard minn ġimgħatejn wara li jiġu adottati. In-notifiki għandhom jinkludu valutazzjoni tal-effetti transkonfinali u tan-neċessità għal reċiprokazzjoni minn awtoritajiet relevanti oħrajn. L-awtoritajiet relevanti attivanti huma mitluba li jipprovdu l-informazzjoni bl-Ingliż billi jużaw il-mudelli ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-BERS.

2. Jekk reċiprokazzjoni minn Stati Membri oħrajn titqies li hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat it-tħaddim effettiv tal-miżuri relevanti, l-awtoritajiet attivanti relevanti huma rrakkomandati li jissottimettu talba għal reċiprokazzjoni lill-BERS, flimkien man-notifika tal-miżura.

3. Jekk miżuri ta' politika makroprudenzjali jkunu ġew attivati qabel l-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, jew jekk reċiprokazzjoni ma kinitx meqjusa li hija neċessarja meta kienu ġew introdotti l-miżuri għall-ewwel darba, iżda l-awtorità attivanti relevanti tkun iddeċidiet sussegwentement li dik ir-reċiprokazzjoni saret neċessarja, l-awtoritajiet attivanti relevanti huma rrakkomandati li jissottomettu talba għal reċiprokazzjoni lill-BERS.

**Rakkomandazzjoni C – Reċiprokazzjoni tal-miżuri ta' politika makroprudenzjali ta' awtoritajiet relevanti oħrajn**

1. L-awtoritajiet relevanti huma rrakkomandati li jirreċiprokaw il-miżuri tal-politika makroprudenzjali adottati minn awtoritajiet relevanti oħrajn u rrakkomandati għal reċiprokazzjoni mill-BERS.

2. Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet relevanti jirreċiprokaw il-miżuri tal-politika makroprudenzjali elenkati f'din ir-Rakkomandazzjoni billi jimplimentaw l-istess miżura tal-politika makroprudenzjali bħal dik li ġiet implimentata mill-awtorità attivanti. Jekk l-istess miżura tal-politika makroprudenzjali ma tkunx disponibbli fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-awtoritajiet relevanti huma rrakkomandati li jirreċiprokaw, wara konsultazzjoni mal-BERS, billi jadottaw miżura tal-politika makroprudenzjali disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom li jkollha l-aktar effett ekwivalenti għall-miżura attivata tal-politika makroprudenzjali.

3. Ħlief jekk tkun irrakkomandata skadenza speċifika b'rabta mar-reċiprokazzjoni ta' miżura tal-politika makroprudenzjali, huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet relevanti jadottaw miżuri reċiprokanti tal-politika makroprudenzjali sa mhux aktar tard minn tliet xhur, wara l-pubblikazzjoni tal-aħħar emenda ta' din ir-Rakkomandazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Il-miżuri adottati u reċiprokanti għandu jkollhom l-istess data ta' attivazzjoni safejn ikun possibbli.

**Rakkomandazzjoni D – Notifika tar-reċiprokazzjoni tal-miżuri ta' politika makroprudenzjali ta' awtoritajiet relevanti oħrajn**

Huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet relevanti jinnotifikaw lill-BERS ir-reċiprokazzjoni tagħhom tal-miżuri tal-politika makroprudenzjali ta' awtoritajiet relevanti oħrajn. In-notifiki għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard minn xahar wara li tkun ġiet adottata l-miżura reċiprokanti. L-awtoritajiet notifikanti huma mitluba li jipprovdu l-informazzjoni bl-Ingliż billi jużaw il-mudell ippubblikat fuq is-sit elettroniku tal-BERS.

TAQSIMA 2

**IMPLIMENTAZZJONI**

1. **Interpretazzjoni**

Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "attivazzjoni" tfisser l-applikazzjoni ta' miżura tal-politika makroprudenzjali fuq livell nazzjonali;

(b) "adozzjoni" tfisser deċiżjoni meħuda minn awtorità relevanti fir-rigward tal-introduzzjoni, ir-reċiprokazzjoni jew l-emendar ta' miżura tal-politika makroprudenzjali;

(c) "servizz finanzjarju" tfisser kwalunkwe servizz ta' natura bankarja, ta' kreditu, ta' assigurazzjoni, ta' pensjoni personali, ta' investiment jew ta' ħlas;

(d) "miżura tal-politika makroprudenzjali" tfisser kwalunkwe miżura li tindirizza l-prevenzjoni u l-mitigazzjoni ta' riskju sistemiku kif iddefinit fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 u li tkun adottata jew attivata minn awtorità relevanti soġġett għal-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali;

(e) "notifika" tfisser avviż bil-miktub bl-Ingliż lill-BERS mill-awtoritajiet relevanti, inkluż il-BĊE skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, rigward miżura tal-politika makroprudenzjali skont, iżda mhux biss, l-Artikolu 133 tad-Direttiva 2013/36/UE u l-Artikolu 458 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u li tista' tkun talba għal reċiprokazzjoni minn Stat Membru skont, iżda mhux biss, l-Artikolu 134(4) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-Artikolu 458(8) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(f) "reċiproċità" tfisser arranġament, li permezz tiegħu l-awtorità relevanti f'ġurisdizzjoni waħda tapplika l-istess miżura ta' politika makroprudenzjali, jew waħda ekwivalenti, kif stabbilit mill-awtorità attivanti relevanti f'ġuriżdizzjoni oħra, għal kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja taħt il-ġurisdizzjoni tagħha, meta dawn ikunu esposti għall-istess riskju f'din l-aħħar ġurisdizzjoni;

(g) "awtorità attivanti relevanti" tfisser awtorità relevanti li tkun inkarigata mill-applikazzjoni ta' miżura tal-politika makroprudenzjali f'livell nazzjonali;

(h) "awtorità relevanti" tfisser awtorità fdata bl-adozzjoni u/jew l-attivazzjoni ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali, inkluż iżda mhux biss:

   (i) awtorità nnominata skont il-Kapitolu 4 tad-Direttiva 2013/36/UE u l-Artikolu 458 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, awtorità kompetenti kif iddefinita fl-Artikolu 4(1)(40) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-BĊE skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013; jew

   (ii) awtorità makroprudenzjali bl-objettivi, arranġamenti, setgħat, rekwiżiti ta' kontabbiltà u karatteristiċi oħrajn stipulati fir-Rakkomandazzjoni BERS/2011/3 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([1]).

2. **Eżenzjonijiet**

1. L-awtoritajiet relevanti jistgħu jeżentaw lil fornituri ta' servizzi finanzjarji taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom milli japplikaw miżura reċiprokanti partikolari tal-politika makroprudenzjali, jekk dawn il-fornituri ta' servizzi finanzjarji jkollhom skoperturi mhux materjali għar-riskju makroprudenzjali identifikat fil-ġuriżdizzjoni fejn l-awtorità attivanti relevanti tkun qiegħda tapplika l-miżura tal-politika makroprudenzjali inkwistjoni (prinċipju *de minimis*). B'mod simili għall-prattika adottata għas-CCB fl-Artikolu 130 tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet jistgħu jagħżlu li jeżentaw lil fornituri ta' servizzi finanzjarji bi skoperturi taħt limitu minimu ffissat milli jirreċiprokaw din il-miżura tal-politika makroprudenzjali. L-awtoritajiet relevanti huma mitluba li jirrapportaw lill-BERS dwar dawk l-eżenzjonijiet, bl-użu tal-mudell għan-notifika ta' miżuri reċiprokanti ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-BERS. Meta japplikaw il-prinċipju *de minimis*, jeħtieġ li l-awtoritajiet jimmonitorjaw mill-qrib jekk jimmaterjalizzawx effetit kollaterali u arbitraġġ regolatorju u jagħlqu l-lakuna regolatorja jekk meħtieġ.

2. Jekk l-awtoritajiet relevanti jkunu diġà rreċiprokaw u żvelaw il-miżura qabel ma dik il-miżura tkun irrakkomandata għal reċiprokazzjoni f'din ir-Rakkomandazzjoni, il-miżura reċiprokanti ma teħtiġx li tkun emendata anki jekk tkun differenti minn dik implimentata mill-awtorità attivanti.

([1]) Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tat-22 ta' Diċembru 2011 dwar il-mandat makroprudenzjali tal-awtoritajiet nazzjonali (BERS/2011/3) (ĠU C 41, 14.2.2012, p. 1).

3. **Skeda ta' żmien u rapportar**

1. L-awtoritajiet relefvanti huma mitluba li jirrapportaw lill-BERS u lill-Kunsill dwar l-azzjonijiet li huma jieħdu b'risposta għal din ir-Rakkomandazzjoni, jew li jiġġustifikaw b'mod adegwat kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni. Ir-rapporti għandhom jintbagħtu kull sentejn, bl-ewwel rapport dovut sat-30 ta' Ġunju 2017. Bħala minimu r-rapporti għandhom jinkludu:

   (a) informazzjoni dwar is-sustanza u l-kronoloġija tal-azzjonijiet meħuda;

   (b) evalwazzjoni tal-funzjonament tal-azzjonijiet meħuda, mill-perspettiva tal-għanijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni;

   (c) ġustifikazzjoni dettaljata ta' kwalunkwe eżenzjoni mogħtija skont il-prinċipju *de minimis*, flimkien ma' kwalunkwe inazzjoni jew devjazzjoni minn din ir-Rakkomandazzjoni, inkluż kwalunkwe dewmien.

2. F'każ ta' responsabbiltajiet kondiviżi, l-awtoritajiet relevanti għandhom jikkoordinaw ma' xulxin sabiex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa fil-ħin.

3. L-awtoritajiet relevanti huma mħeġġa li jinfurmaw lill-BERS mal-ewwel opportunità dwar kwalunkwe miżura ta' politika makroprudenzjali proposta.

4. Miżura reċiprokanti ta' politika makroprudenzjali titqies li hija ekwivalenti jekk ikollha, safejn ikun possibbli:

   (a) l-istess impatt ekonomiku;

   (b) l-istess kamp ta' applikazzjoni; u

   (c) l-istess konsegwenzi (sanzjonijiet) għal nuqqas ta' konformità.

4. **Emendi għar-rakkomandazzjoni**

Il-Bord Ġenerali għandu jiddeċiedi meta jkun meħtieġ li din ir-Rakkomandazzjoni tiġi emendata. Dawk l-emendi jinkludu b'mod partikolari kwalunkwe miżura addizzjonali jew immodifikata tal-politika makroprudenzjali li jkollhom jiġu rreċiprokati kif stabbilit fir-Rakkomandazzjoni C u l-annessi relatati li jkun fihom informazzjoni speċifiċi għall-miżura. Il-Bord Ġenerali jista' wkoll jestendi l-iskadenzi stipulati fil-paragrafi preċedenti fejn ikunu neċessarji inizjattivi leġiżlattivi għal konformità ma' rakkomandazzjoni waħda jew aktar. B'mod partikolari, il-Bord Ġenerali jista' jiddeċiedi li jemenda din ir-Rakkomandazzjoni skont ir-reviżjoni mill-Kummissjoni Ewropea tal-qafas ta' rikonoxximent obbligatorju taħt il-liġi tal-Unjoni jew fuq il-bażi ta' esperjenza miksuba fit-tħaddim tal-arranġament ta' reċiproċità volontarja stabbilit b'din ir-Rakkomandazzjoni.

5. **Monitoraġġ u evalwazzjoni**

1. Is-Segretarjat tal-BERS:

   (a) jassisti lill-awtoritajiet relevanti billi jiffaċilita r-rapportaġġ ikkoordinat, jipprovdi mudelli relevanti u jippreċiża fejn ikun meħtieġ il-proċedura u l-kronoloġija għall-konformità;

   (b) jivverifika l-konformità mill-awtoritajiet relevanti, inkluż billi jassistihom fuq talba tagħhom, u jissottometti rapporti ta' konformità lill-Bord Ġenerali.

2. Il-Bord Ġenerali jivvaluta l-azzjonijiet u l-ġustifikazzjonijiet irrapportati mill-awtoritajiet relevanti u, fejn xieraq, jiddeċiedi jekk din ir-Rakkomandazzjoni ġietx segwita u jekk l-awtoritajiet relevanti naqsux milli jiġġustifikaw b'mod adegwat in-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tagħhom.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-15 ta' Diċembru, 2015.

*Il-President tal-BERS*

Mario DRAGHI